# IL ĦABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgħa il Cbira u il gimgħa ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma jawżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb*.

Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is Sur Anġ Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, IT-13 TA JANNAR, 1914. Nru. 99.

*Inbiercu b'kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistennew minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arci-Iskof Iskof ta Malta.

## PIETRU PACE

għall grazzia t'Alla u tal Cnisja Mkaddsa
Arci-Iskof ta Rodi u Iskof ta Malta
Suggett biss lejn li stess Papa
u tal Imkaddes Sinjur Tagħna Piju Għaxra
Prelat Domesticu
etc. etc. etc.

Maħbubin Ħutna u Ulied Għeżież Tagħna,

Fl'ittra Tagħna tat-2 t'april li għadda, conna ħassejna ruħna fid-dmir li nxandru li mgiba ħażina ta żeŭġ Sacerdoti tal Cleru Tagħna, li disgrazziatament chienu telku il Fidi Mkaddsa tagħna, ŭeħidha tajjba; u billi kalbu, giebu nichet cbir f'dan il Cleru msemmi għat-tieba tiegħu, chif ucoll fil Poplu u fil Cattolici tajjbin collha, għalavolja barranin. Din chienet għalja ta bla kies għal kalbna: u għalhecc, biex inseŭŭu id-deni magħmul minn daŭc iż-żeuġ id-disgrazziati, chellna inŭissucom li daŭc iż-żeŭġ makluba chienu jinsabu scumnicati *(jigifieri mifrudin mil ħdan tal Cnisja Cattolica)*. Imma Alla tal ħniena ma riedx iħalli tgħib din is-sena bla ma ifarragħna, għall'inkas minn biċċa ta dan il hemm. Iva: farragħna: u biex natucom sehem minn dan il hena Tagħna, infittxu nħabbrulcom li ŭieħed minn daŭn iż-żeŭġ Sacerdoti, ir-Reverendu Dun Ġusepp Maŭrin, għaraf li żball tiegħu u bchieħ tas-seŭ kuddiemna, fil ŭakt li talab maħfra ll'Alla u lil daŭc collha li ħadu scandlu minnu, l'actar fosthom l'aħŭa tiegħu Sacerdoti, u ŭiegħed ucoll li iħabrec chemm jista' biex ipatti id-deni li għamel. Chien, mela, dmir Tagħna li nitolbu issetgħa meħtieġa mis-Sagra Congregazioni tas-Santu Uffizziu: u mita din gietna, ilkajna minn għand l'imsemmi Reverendu Maŭrin l'abiura (*jigifieri ic-ċaħda ta li żbalji collha tiegħu)*, chif chien meħtieġ; u ħfirnielu mil li scumunica li fiha chien ŭaka'. Inroddu ħajr ll'Alla! Hecc l'egħdeuua tagħna għandhom xhieda oħra li min iħalli il Fidi Cattolica ma iħallihiex għax icun tas-seŭ biddel il fehma tiegħu, imma għax dejjem icun hemm xi tir ieħor, li malajr jeŭ biż-żmien igħib għal-collox.

Maħbubin Ħutna u Ulied Għeżież Tagħna, niżżu-ħajr ll'Alla, li tâna din il grazzia; u ma ninseŭx nitolbu, seŭŭa biex titŭettak din il cunversioni, chif ucoll biex jiccunverti is-Sacerdot l'ieħor, li donnu għadu mfixchel mid-dlam ta li żbalji tiegħu.

U fil ŭakt li nixtiekulcom il barca t'Alla f'din is-sena li kiegħda tibda, nżidulcom maħħa ucoll b'kalbna collha il barca Tagħna.

Mil Palazz Tagħna tal Belt, fil 31 ta dicembru 1913.

† P. Arci-Iskof Iskof ta Malta.

Dun Frangisc Vella
għall Cancellier.

## Maltin u Ingliżi.

Cull poplu li jitħallat ma poplu ieħor, f'li stess pajjiż, taħt li stess bandiera u b'li stess ligi, ŭara mit sena, biex ngħiduha cbira, isir ħaġa ŭaħda miegħu. Jecc mhux ħaġ'oħra, jieħu id-draŭŭiet u isir jitchellem bil lsien tiegħu. Dan naraŭħ fil bliet tal Argiel, taħt il Franciżi; fil Polonia, taħt ir-Russi; fi Triesti, taħt l'Aŭstriaci; u saħansitra f'Gorfù, taħt il Grieghi. F'kasir żmien, jaraŭħ ucoll in-nies ta ŭarajna fi Tripli, taħt it-Taliani.

Imm'aħna le: f'*mija u tlittax il sena*, l'Ingliżi u la chellhom ħila iddarruna bħalhom u inkas igħallmuna il lsien taħħom! Għala?... Jakaŭ għax rasna ma tatiniex jeŭ għax m' aħniex nieżlin minn nies *civili* bħalhom?... Li Storia, li ħadd ma igħiddibha, tŭiegeb li aħna fiċ-*Civiltà* ŭisk actar kodma minnhom; u għad-dehen ta moħħna jitchellmu daŭc il Maltin li f'cull żmien, antic u mudern, għamlu cull fejn marru, taħt bandieri oħra u taħt li stess bandiera ingliża, l'isbaħ figura! Sacerdoti, Tobba, Avucati, Architetti, Fizziali, Captani, Neguzianti, Sculturi, Pitturi, Inginieri, Mgħallmin tal mużica, Cantanti u Atturi—u, biex nibkgħu nieżlin l'isfel, dakkaka, baħrin, nies tassnajja, ħaddiema ta cull xorta—minn Tunes u Skallija sa geŭŭa l'America u geŭŭa l'Indi—il Maltin, cull fejn tafgħu l' ancri, ureŭ dejjem id-dehen u il ħeġġa taħħom!

Mela, għaliex ħaŭn Malta katt ma stajna nakblu seŭŭa mal Ingliżi? Għaliex bkajna dejjem donn'na clieb u ktates?...

Bosta jatu il ħtija lid-differenza tar-Religion: u, bla xejn dubiu, chiecu conna ta Religion ŭaħda, chien icollna ŭisk iżjed gibda għal xulxin. Imma il ħtija il cbira kiegħda band'oħra. Il ħtija kiegħda fil cburija tal Ingliżi, li lilna jaraŭna żgħar f'għajnejhom: żgħar mhux fil għadd tan-nies u fil chejl ta Gżira: imma fil gidd tagħna. L'Ingliżi jidhrihom li aħna ta razza baxxa, ta demm imniġġes, ta gebbieda salvaġġa: u dan iridu igħidu bil lakam ta *natives* li tant iħobbu jatuna. U għal hecc ma jagħmluhiex magħna, ma iżżommuniex *b'nies civili* bħalhom, ma igħodduniex, f'chelma ŭaħda, b'*sudditi ta li stess calibru!* Araŭ il *Club* taħħom: l'inkas fizzial tal art u tal baħar, basta ingliż, jidħol; l' inkas conslu, basta barrani, jista' jidħol ucoll; l'ingliżi l'oħra, li m'humiex la fizziali tal art u inkas tal baħar, bħalma huma it-Tabib tal Biċċerija, id-direttur tal *Anglo Egyptian Bank*, is-suprintendent tat-Telegraff, l' amministratur tal Cumpanija tal gass u ħafna neguzianti privati, bħas-Sur Twelves u is-Sur Geoghegan, jistgħu jidħlu dakshom; iżda il Maltin le: inkas li stess fizziali tal Artillerija u tal Milizzia: inkas il Capijet tal Gvern u li Mħallfin: ħadd, ħadd: xi stedina fil bgħid għal xi ballu, iva; imma bħala *Soci*, le; u mita il President Carbone, l'ogħla persunaġġ ta Malta, mżejjen mir-Re b' onuri u decorazzionijet li ma għandu l'ebda ŭieħed mis-*Soci tal Club*, talab biex jidħol *Sociu* maħhom, ma għaddiex—chif inkas għaddeŭ il Curunell Gatt u li Professur Schembri, li chienu Ajjutant u Tabib tal Gvernatur! Cbar u żgħar, la aħna Maltin, b' *natives* jieħduna u b'*natives* iżommuna!...

U l'eżempiu tal *Club* jimxu fuku l'Ingliżi l'oħra collha li ipoġġu Malta, barra minn xi ftit—ftit ŭisk—li, jeŭ għax jilħku jidraŭna, jeŭ għax icunu minn kaddishom ħelŭin f'għamilhom, jeŭ għax hecc icun jakblilhom, ma jistmerrux jitħalltu man-*natives* ta daŭn il gżejjer, ma jibżgħux li jitniġġsu bid-demm ħażin ta din ir-razza baxxa. Innisa stess ma jagħmluhiex man-nisa tagħna, mhux biss fid-divertimenti, fil lakgħat, fil passiġġiati, imma inkas f'li stess ballijet u fit-teatri!

Chif, mela, jista' jiġri ħaŭn Malta dac li jiġri b'ħeffa cbira f'pajjiżi oħra?... Li chienu Franciżi, jeŭ Taliani, jeŭ Spanioli, jeŭ imkar Ġappuniżi, chiecu, f' *mit sena*, sirna ħaġa ŭaħda!

Imma, b'dan collu, ħaŭn ħafna Maltin—ngħidu għall bliet biss—li għandhom il marda tal *ingliżati*; u il lbies, fil mixja, fil logħob, fit-tislim, fl'ichel u fix-*xorb*, fit-tixmira tal kalziet u fil kagħda tal pipa, fl'imburdar u fit-tluk bla nôm, f'li strambaġni collha, għandhom jeŭ iridu juru li għandhom il gostijet taħħom....

Dan hu il gŭaj tagħna. Cull poplu taddinja għandu il ħażin u it-tajjeb tiegħu: u l'Ingliżi—mnejn toħroġ il chelma, toħroġ ir-ruħ, igħid il Malti—l'Ingliżi, ma daŭn il ħŭejjeġ coroħ, mas-suppervia u li strambaġni, mal cburija u l'ambizzioni, mal elf difett ieħor li nistgħu nsibulhom, għandhom ucoll bosta ħŭejjeġ tajjba: huma nies tal carattru, nies ta fehma sħiħa, nies ta bla *rispetti umani*, li jafu jistmaŭ lil min jaf iżomm-ruħu, li ma jilgħabux bid-dmirijet taħħom u fis-servizz jatu lil cullħadd li ħakku, li ma jonksux mil kima lid-Dar t'Alla u iħobbu il Pajjiżhom (jigifieri *Religiusi* u *Patriotti*)—u, fuk collox, huma nies li jiġbdu dritt u ma jincensaŭ il ħadd!

Għaliex daŭc li joktlu għall'*ingliżati* ma

tgħajjxu l'uliedcom f'ħinhom, għaliex it-tarbija torkod, tkum u iddarruha dejjem bil flixcun iżenbel ma xoftejha. Malli tiftaħ ħalkha, malli biss titniffes il gażaża tcun dic li issicchitha; u't-trabi jierdgħu jeŭ redgħa tŭila, jeŭ ta sicŭit, inchella bil ftit il ftit il ħalib l'icun actarx mhejji ħażin u miżmum agħar billi idaħħlu f'li stoncu tagħhom dgħajjef ħalib ġdid, jitħallat ma ħalib ieħor l'icunu ġà xorbuħ kabel u l'icun ŭasal sabiex jibda igħaddi mil li stoncu. Minn haŭn jigi il gŭaj collu, indigistioni, vomtu, fetħa, deni f'li msaren, u dan collu jigi mittaklib tal għajxien, l' igib miegħu dic il ħsara tal meŭt tat-trabi li haŭn Malta naraŭha bil gziez.

Jena, icompli igħid it-tabib G. F. Inglott, rajt b'għajnejja stess m'ilux ŭisk tarbija ta tmien xhur intuscata għal-collox, u chif fhimt jena ŭara li għarbilt il biċċa seŭŭa, collu chien gejj mil flixcun taż-żejża, mittirdiħ ta sicŭit u li cull darba iŭaħħlulha f'ħalkha il fergħun ta gażaża, u ma tħabatxbi ftit biex naħtafha minn ħalk il meŭt.

Ommijet, chissru darba għal-dejjem daŭc il fliexchen taż-żejża, għaliex huma biċċa mil mard ta uliedcom u jecc ma tistgħux treddgħuhom bil ħalib ta ħobbcom, tuhom mil cuċċarina biss!

Darb'oħra nargħu naraŭ rŭieħna.

Gius. Micallef-Goggi.

## Il Corunell Engerer.

Fraħnielu dan is-Sinjur, seŭŭa bil mictub fil *Habib* u seŭŭa b'fommna ŭiċċ imb'ŭiċċ, malli laħak Suprintendent tal Posta: imma illum hu dmir tagħna ngħidulu li msiechen huma il Fizziali u in-Nies l'oħra tal Milizzia li chellu taħtu u l'Impiegati cbar u żgħar tal Posta li sejjer icollu taħtu issa jecc jimxu fuk l'imgiba u il fehmiet tiegħu! Cbira ŭisk għal Corunell u Cap ta Dipartiment tal Gvern, li, mistieden għandec biex tonoraħ u kiegħed jippranza miegħec geŭŭa darec, f'lôc ma jixrob bis-saħħa tiegħec u jiżżic-ħajr, ikum jitchellem biex jinsolentac! Min, fost il Karrejja tal *Habib*, għolin jeŭ baxxi, jista' jemmen li il Corunell Engerer, mistieden għal Pranzu geŭŭa il Borża minn ħafna persuni għoljin u fosthom żeŭġ Gażettieri, l'Avucat Mizzi u is-Sur Muscat (tal *Herald)*, li ħallsu flushom biex jinoraŭħ u tilfu iż-żmien taħħom biex jiltakgħa miegħu, chellu jinsolenta il gażetti collha ta Malta, billi igħid li *ŭieħed ħabib ingliż taħ il parir jagħlak ŭidnejħ għalihom* u li huma *ighergru fuk in-nukkas tal Posta minn Barra għax ma icollhomx biex jimleŭ il pagni?!*... L'eŭŭel nett, aħna naħsbu li dac *il ŭieħed ingliż*, f'lôc Londra, trabba f'xi raħal minsi minn tal Galles, għax l'Ingliżi *politici u gentlomi* jaħsbuha ŭisk xort'oħra fuk li Stampa; imbagħd, katt ma conna nemmnu li il Corunell Engerer ma jafx igibruħu kalb nies bħal daŭc; u, fuk collox, stagħgibna, mhux biħ, imma b'daŭc li chien dmir taħħom jatuħ minnufiħ il bkija talli kal u ma taŭhielux!

Nisperaŭ li l'Onurabbli Briffa, għad li chien mistieden miegħu, ma jaħsibhiex bħalu!

## Ma dûarna.

—Nhar l'erbgħa li għaddeŭ, fil ħdax ta fil-għodu, l'Avucati u il Procuraturi Legali il ġodda ħalfu kuddiem il Korti tal Appell, b'li Mħallef Pulicin imlibbes mil Gvernatur bis-setgħa ta Agent-President, scond il Liġi li chienet għaddiet jumejn kabel; u, imbagħd, saru żeŭġ trattamenti, il ŭieħed mill'Avucati u l'ieħor mil Procuraturi Legali, f'li stess ħin, geŭŭa żeŭġ sŭali tal Korti ta fuk. Li Mħallfin, ir-Registratur u Impiegati oħra tal Korti ta fuk chienu mistiednin u marru għaż-żeŭġ trattamenti. Għat-trattament tal Procuraturi Legali telgħu ucoll xi Magistrati, is-Sur Arturu Galea, Agent-Registratur tal Korti t'isfel u xi Scrivani oħra minn tiegħu, flimchien ma ħafna Avucati u Procuraturi Legali mil kodma—fosthom id-Direttur tal *Habib*, li giè mitlub biex, fl'isem tal Procuraturi Legali il kodma collha, igħid erba' chelmiet ta ferħ lill Procuraturi Legali il ġodda u jixrob bis-saħħa taħħom. Tchellmu ucoll l'Avucat Ġuseppi Frendu, fost il kodma, u l'Avucat Serafin Vella, fost il ġodda; u it-tnejn ferħu bil kalb collha lill Procuraturi Legali, fil ŭakt li l'eŭŭel ŭieħed tahom pariri ŭisk tajjba fuk chif għandhom igiburuħhom fil professioni taħħom. Nifirħu lil cull-ħadd.

—Conna nitchellmu aħna fuk l'*Omelia* li għamel Monsiniur Arci-Iskof, nhar it-*Tre Re*, fil Pontifical ta *San Ġŭann*, li ma chitbilniex fukha *Ŭieħed mil presenti*, għax hemm tas-seŭ biex tistgħageb mita tokgħod taħseb li dac ix-Xiħ ta 83 sena, frisc bħal ŭarda u moħħu ċar daks ta żagħżuħ fl'aħjar tiegħu, jidħol għal dic il funzioni li tgħajji il cull-ħadd; u, għar-rik, jinseġ dic il ġmiel ta *Omelia*, b'talian li jaħtieġ ineħħilu cull-ħadd il cappell u b'għerf li jimxi minn *Santu Padri* għal ieħor bħalma l'id ta Surmast gŭapp timxi fuk it-tasti ta pianuforti. Dac il ħin, giena ħsieb f'rasna: X'irid Alla l'imbierec minn dan il Bniedem? X'għadu jistenna minnu, fil ħniena bla tarf tiegħu? F'37 sena bil bâclu f idu, 12 Għaŭdex u 25 Malta, Monsinur Paċ xorob bosta mrar u chellu bosta battalji: imma tfarraġ ucoll bi glorji u b'onuri li ħadd kablu ma chien ŭasal fihom. X'in hu, mela, is-sigriet ta dac il moħħ u ta dic il kalb li donnu m'hemmx xjuħija għalihom? Sigriet tal art jeŭ tas-Sema? Nafu li, fil Cungress Eŭcaristicu, ħames Cardinali u ħamsin Iskof stagħġbu bix-xogħol u bil ħeġġa tiegħu; u naħsbu li għad irid jitla scaluna oħra, biex icun seħħ dac collu li hemm mictub Minnu fil *Ctieb tas-seba' sigilli*!—U, la aħna f'dan id-discors, irridu nfaccru li Monsiniur Paċ, fil ħdax ta frâr li gej—inkas fadal xahar—bil għajnuna t'Alla, jagħlak 25 sena Iskof ta Malta. Hemm bżonn jitŭakkfu Cumitati, u jiġu mistiednin il Baned tal Bliet u tar-Rħula, u imħajjrin il Culleġġiati, il Cunventi u il Fratellanzi collha, u imniggżin il Cbarat ta cull katgħa, u imkanklin is-Sjed tal ħŭienet u il Capijet tal familji, u imfaccar il Poplu collu ta din il Gżira, biex issirlu xhieda ta kima cbira?....Min sejjer ma jurix minn jeddu il ferħ ta kalbu f'għeluk il 25 sena tal għerusija tar-Ragħaj ta ruħna m'Ommna il Cnisja Mkaddsa?....

—Daŭn il ġranet giè f'idejna il ctieb li ħareġ il ħabib għażiż tagħna Dun Ġusepp Farrugia fil *Mogħdija taż-żmien*, bl'isem ta *Marì ta Torri Falca*: u, l'eŭŭel nett, sibna li hu it-traduzioni ta *Maria Valdes*, ctieb mill'isbaħ li ħargu bit-talian mn'idejn l'Avucat Gaŭci Tramblett u li aħna chellna il ħsieb nakalbuħ bil Malti għal din il gażetta; u, imbagħd, ftacarna ucoll li, ma nafux chif, mita bagħtulna il Commendatur Galea, conna nsejna nħabbruħ fil *Habib*, bħalma aħna mdorrijin nagħmlu b'cull ħaġa li tigina minn għandu. Nitolbu scuża lill ŭieħed u lill'ieħor. U, frattant, nirriccmandaŭ lill karrejja tagħna li min għadu ma hasslux ifittex iħasslu, għax hu ŭieħed mill'aħjar cotba li dehru s'issa fuk il *Ġrajjet ta Malta*.

—Dac il ħabib li, bħalma ħabbarna gimgħat ilu, chien ŭegħdna li għandu jicteb fit-tûl fuk *Malta kadima* tas-Sur Bellanti, żamm tasseŭ chelmtu: u tafu min hu? Il Professur Napuliun Tagliaferru. Ma dan collu, m'haŭnx Malta ħliefu u tnejn jeŭ tlieta oħra li jistgħu jiflu bir-rekka dac li chiteb is-Sur Bellanti. Il gimgħa id-dieħla, ngibu dac li chitbilna: u taraŭ li m' aħniex ngħaġġbuha.

—Id-Direzzioni tal *Verità* tchellmet tajjeb ŭisk minn'na, l'actar fuk il Malti chif jidher fil *Habib*; u lakgħet b'parir għall'aħjar u gej mil kalb, chif tas-seŭ chien, dac li għidna fuk l'articlu ta *Frustino*. Aħna fuk is-*sabiħ* u it-*tajjeb* ma rridux ħlief ħbieb; u, gej mnejn hu gej, merħba biħ dejjem: bandiera bajda ma cull-ħadd. B'kalbna collha, mela, nroddu il ħajr tagħna lid-Direzzioni tal *Verità*; u, iżjed minn collox, għax sejjħitilna *ħbieb*, titlu li aħna ngħożżuħ actar minn cull titlu ieħor li tâtna.—Fil ctib tagħna, aħna nħobbu naħarbu il cliem malti li ma għadhomx jifhmuħ innies tal bliet, biex ma ngħidux ucoll ta xi rħula krib minnhom, u il cliem talian li ma jistgħux jifhmuħ in-nies tar-rħula u tal bliet li m'humiex *letterati*: f'chelma ŭaħda, nfittxu chemm nistgħu it-triek tan-nofs, biex jifhimna cull-ħadd. Minn għalina, jidhrilna li, jecc tcun taf bil Malti tajjeb (u b'dan nifhmu *il lingŭa bil frasijet taħħa*, li huma mil għôna u mil akŭa, fil ġmiel u fil għadd—mhux it-*termni* u l'*ortografija*) tista tfisser ruħec *ma cull-ħadd fuk cull ħaġa*, bla ma taka' la taħt il ħajt tas-Sur Bellanti u inkas taħt l'ieħor tas-Sur *Frustino*. Imma, ngħidu is-seŭŭa, hu tkil ŭisk (u aħna ma nifilħux għaliħ) li isseŭŭi b'Malti hecc, chif nixtiekuħ aħna, dac li icun ħaseb u chiteb ħadd ieħor, b'xeħta bħal tas-Sur *Frustino*: actar jista' icun li takleb suret in-nies articlu mictub b'lingŭa oħra għal-collox. Billi tgħidlu *kasam* f'lôc *camp, tal bniedmin* f'lôc *umani, cull xorta* jeŭ *cull katgħa ta nies* f'lôc *qualunque classi ta nies, hena li ħadd ma ifissru* f'lôc *delizju incsprimibili, cbir* f'lôc *grandius, xbiha* f'lôc *raffiguranti, kalb il bniedem* f'lôc *il kalb umana, ruħ* f'lôc *psiche*, ma tcunx seŭŭejt il bixla tal articlu, li ma għandha xejn mil maltija. Iva: «l'articlu mimli bi ħsiebijet l'actar għolja u jista' jissejjaħ innu ta gloria lill Verdi:» u lilna għoġobna ŭisk, għax stajna nifhmuħ; u nixtieku li cull-ħadd jicteb b'daŭc il ħsiebijet sbieħ u għolja: iżda m'hux bil Malti u min ma jafx għajr bil Malti ma jistax jifhmu.

—L'articlu (*Il għar ta Betlemm*) ta Dun Xand u l'ittra tas-Sur De Leonardo fuk il Piżaturi ngibuhom ucoll il gimgħa li gejja.

—Niffirmaŭ b'idejna it-tnejn dac li giebet il *Malta Tagħna* fuk l'*Ipnotiżmu* u natu *prosit* lil min chitbu. Aħna conna lestejna articlu tŭil fuk din il biċċa u krajnieħ lil żeŭġ ħbieb tagħna: imma, mbgħad, tbażżajna noħorguħ, għax ħsibna li xi ħadd ma jifhemx tajjeb il ħsieb ta moħħna. Iżda kiegħdin naraŭ li jaħtieġ nitchellmu ċar fuk il moda tal *Ipnotiżmu*, għax dieħla ilgeŭŭa; u dac li ma għamilniex illum, nagħmluħ darb'oħra.

—Ħareġ il *Messaggier Malti tal Kalb ta Gesù*, imfaŭŭar, chif dejjem, b' articuli ta fejda cbira. Nirringrazziaŭ lir-Reverendu Patri Ŭigi Grech S.J., Direttur tiegħu, li għoġbu jibgħatulna.

## UNJONI CATTOLICA.

Nhar il ħadd li gej, fil 11 ta fil-għodu, issir *Cunferenza religiusa* minn Monsiniur Canôncu Dun Anton Vella (li msemmi ma Malta collha *Dun Anton ta ħal Lija*). Min sejjer jonkos?...

Fil-għaxija, fil ħin tas-soltu, it-teatrin bis-*Sonatrice d'arpa* (serata tas-Sur Oreste Cumbo.)

## Ma dûar id-dinja.

*Cajr*—Fis-27 tax-xahar li ħareġ mietet fil Cajr il Principissa Nazli Fazil, zija tal Kedif tal Egittu, li chienet għaddiet bosta xtieŭi f'Malta.

Il priġunieri rvellaŭ u kabdu għal gŭardjani: il għases tal calzri għamlu in-nar fuk il priġunieri: katlu erbgħa u fereŭ ħamsin.

*Għatx u Ġuħ*—F'Montreal (Aŭstralja)għal bosta ġranet in-nies bateŭ il ġuħ u sofreŭ ŭisk il morda fl' isptarijet, għaliex inchiser il gandott tal ilma. Is-sŭali fl'isptarijet ma issaħnux iżjed bil misħun u geŭ sospisi l'operazionijet. Il fabrichi ŭakkfu ix-xogħol u mijet la nies iġġerreŭ mal belt.

*Abissinija*—Collox s' issa qŭiet f'Adis Abeba, il Capitali tal Abbissinja, ŭara il meŭt tal Imperatur Menelik, iżda hemm biża li il ħŭejjeġ jitħaŭŭdu għaliex Ras Olie, ħu is-sultana Taitu, donnu għandu xi ħsieb isir Sultan minn f'loc iċ-ċhejchen Ligg Jasu;iżda Ras Michael, missieru, li kiegħed jirrenja minn f'loc ibnu, ordna li il Capijet tat-Tigrini, fejn jinsab Ras Olie, ma jitkanklux mil bliet taħħom u li numru cbir ta Suldati jingabru ħdejn it-Tigrini, pronti għal cull bżonn. Jingħad li is-Sultana Taitu kiegħda tmut.

*Rodi*—M. Bempard, ambaxxatur Franciż f'Costantinopoli xtara l'eŭŭel dar li chellhom f'Rodi il Cavalieri it-Templari, li mbagħad taħt l'Isle-Adam geŭ f'Malta ŭara 200 sena li chienu għaddeŭ f'dic il gżira—li minnha geŭ imcheccija minn Sulenian il cbir. M. Bompard irregalaha lill Gvern Franciż.

*Ruma*—Jingħad li il Papa fl'eŭŭel Concistor, li icun hemm, bi ħsiebu jinnomina seba' Cardinali, li icunu: Mons. Rotu Ġustini, Mons. Sbarretti, Mons. Della Chiesa, Arciskof ta Bolonja, Mons. Finchedir, Nunziu f'Munic, Mons. Hartman, Arciskof ta Colonja, Mons. Hermitz, Iskof ta Vexz-Priana f'Ungarija, u l'Arciskof ta Toledu.

—Il Papa minn f'loc il Cardinal Rampolla għażel bħala Bibliotecariu tal Cnisja Mkaddsa Rumana il Cardinal Franciscu di Paula Cassetta.

*Terremot*—F'Elis Polopennesus inħass terremot bil bosta kaŭŭi—ħsara cbira ġrat fil bini.

*Il Bart*— Il bart tal għageb li ħassejna f'Malta fil ġranet li mgħoddija, inħass mal Eŭropa collha, il ġurnali huma mimlija b'descrizzionijet u bi mŭiet: fost l'oħrajn nakraŭ li fi Franza għodŭa ŭaħda insabet mara għarŭiena collha u mejta, imkabbda, sabiex tinsatar mill'aħjar, ma salib tal ħaġra: ftit bogħod minnha mejtin fit-triek erba' ulied minn taħħa: l'imsejcna omm chienet neżgħet ħŭejjiġha collha sabiex tgħatti u tħares mil bart lil maħbuba uliedha. Iżda xejn ma sŭielha, hi u huma mietu bil bart. Alla tas-seŭŭa u tal ħniena ħallasha sgur fis-Sema.

*Disgrazzi* — Vapur ġdid Russu, mibni l'Inghilterra, fil ŭakt li minn Middlesborough chien sejjer Liban, mar fuk l'art. L'equipaġġ, ta sebgħa min-nies, niżel f'dgħajsa ta salvataġġ, li nkalbet: il Captan u erbgħa oħra għerku.

— Il gimgħa li għaddiet, it-tren li minn Licata chien sejjer Siracusa, ħareġ mil ħadid u gira ġô xmara—ma miet ħadd, iżda bosta bakgħu feruti.

*Serk*— Mil Parroċċa ta Novalesa, ħdejn Torin, ħallelin, li ma nkabdux, serku qŭadru famus, cbir kasba, li jirrapresenta l'adorazzioni tal Magi, li igħidu pingut minn Pietro Paŭl Rubens: katgħuħ mil gŭarniċa b'xafra takta bosta. Ħabtu sejrin jisirku qŭadru ieħor; imma is-sellum inkasam bihom u biċ-ċakcika chelb bida jinbaħ u huma chellhom jaħarbu: xi ŭieħed minnhom baka' ferut għaliex is-sellum insab imċappas biddemm.

— F'Bolonja, fit-tempiu ta San Stefanu, compost minn seba' Cnejjes mgħakkdin, is-Sacerdot li mar jati il benedizzioni inteħaħ li il pissidi bis-Santissimu ma chienx iżjed hemm. Chien giè misruk ma tûl il lejl. Il ħalliel ma inkabadx, iżda l'aħbar għamlet impressioni cbira fil belt.

L M.C.G.

## L'Epifanija.

Sa mina dejjem f'din il festa cbira l'Iskfijet jagħmlu Pontifical fil Cnisja Concatedrali ta *San Ġŭann*, jigifieri jiġu għall għasar u ikaddsu cantat nhar il festa. Din is-sena ucoll Monsiniur Iskof Pace għamel il Pontifical f'*San Ġŭann* mhux biss, iżda ŭara l'Evangeliu għamel Omelia sabiħa ŭisk u ta tagħlim għoli u pratticu bħas-soltu. Għannofs siegħa sħiħa żamm il cbir uditoriu jisma' it-tagħlim tiegħu fuk il Fidi, li biex tcun tajjba, trid tcun bħal dic tal Magi, cioè mgħakkda mal opri, chif igħallem San Ġacbu u ifissru ħafna Santi Padri, ma San Għirgor u San Bernard.

Cull min ma jafx lill Iskof personalment, ħadd ma jemmen li għandu 83 sena biex jista' ikaddes cantat u jippriedca hecc ċar u hecc tajjeb. *Ŭieħed mil presenti.*

### ŻBALJI TA' L-ORTOGRAFIJA.

*Smeŭŭjet* floc *smeŭŭiet* ; jigifieri b'żeŭġ żbalji, li huma: (1) iż-żeŭġ ittri *je*, ŭaħda consonanti u l-oħra vocali, li jatu leħen cull ŭaħda, miġjubin floc iż-żeŭġ ittri *ie*, li filmalti jatu, bejn it-tnejn, leħen ŭieħed teŭmi ma' dac tal vocali *â*; (2) l-accent imcarcar fuk il-vocali *e*, ħaġa li l-malti tant ma jridhiex, li mita din il-vocali *e* tcun sejjra tidħollu minn ilsna oħra b'accent imcarcar, bħal mal-chelmiet *decreto*, *segreto*, *sincero*, jbiddilha u jagħmilha *ie*. Ara: *degriet*, *sincier*, *segriet*.

*Bżonnijet* floc *bżonnijiet*; jigifieri accent imcarcar fuk il-vocali *e*—ħaġa li l-malti ma jaħmilx fiħ—miġjuba floc il-vocali *ie*. *Lilnha* floc *lilna*; jigifieri l-ittra *n* imħaxcna bejn żeŭġ consonanti, u għalhecc imkiegħda fejn ma tistax issaħħaħ leħinha.

L-ittra *n* katt ma għandha tcun imħaxcna bejn żeŭġ consonanti u bħala prova ta' dan inkiegħdu il-verb *ħának* ħdejn il-verb *kábad*, it-tnejn ta' sura ŭaħda, u mal-ŭaħda u ma' l-oħra, seŭŭa kabel chemm ucoll ŭara, inżidu vocali. B'diż-żieda insibu li minn *kábad* għandna *àkbdu*, jigifieri bil-consonanti tannofs imħaxcna bejn iż-żeŭġ consonanti l-oħra, imma minn *ħának* ma nsibux li għandna *àħnku*, għax l-ittra *n*, bħala ŭaħda mil-ħames consonanti liquidi, li huma *l*, *m*, *n*, *r*, *għ*, iddeffes kabilha vocali u ngħidu *aħànku*. Għalhecc bħal ma l-ittra *n* ma titħaxchenx bejn żeŭġ consonanti fil-chelma *aħànku*, ankas ma għandha titħaxchen bejn żeŭġ consonanti fil-chelma *lilna*. L-ortografija ta' *lilnha* għalhecc ħażina, daks chemm chiecu chienet tcun ħażina dic ta' *àħnku*. U li chiecu ŭara l-ittra *n* fil chelma *lilna* chellha tidħol l-ittra *h*, bħal ma fil-chelma *àħnku* kabel l-ittra *n* indaħħlu vocali u ngħidu u nictbu *aħànku*, conna, fil-chelma *lilnha*, kabel l-ittra *n* indaħħlu ŭcoll vocali u ngħidu u nictbu *lilìnha*.

G. V.

### RISPOSTA TAS-SINJURA HETCHIER LIL MINISTRU PROTESTANT.

Ŭasal f'Montpellier certu Ministru ingliż b'erbgħa jeŭ ħames t'irgiel miegħu tas-saħħa, li chienu mexjin jixxenglu taħt it-tokol ta bagolli cbar, mimlijin sa fuk bil Bibbji, mibgħut mil protestanti biex jagħmel insara ġodda għad-*dotrina sáfja tal Evangeliu*, u «jiftaħ għajnejn il boloħ Insara li iridu jissuctaŭ jemmnu bil fidi kadima ta 19 il mit sena ilu.» Chienu it-tmienja ta fil għodu u is-Sinjura Hetchier tisma' iħabbat il bieb tal Camra, fejn chienet tmur titlob cull fil għodu. «Sinjura, kaltilha minn taħt il lsien il camriera, haŭn ŭieħed irid ichellmec; imma għandec taf.... (u baxxiet ictar leħinha) li hu Ministru tal Cnisja protestanti u.... gieb miegħu il martu!»

«Għidlu igħaddi, u int Catarin xejn tinqŭieta ruħec.» *Id-daŭl t'Alla, Sinjura*, issocta il Ministru b'ħafna cumplimenti, *id-daŭl t'Alla jiddi fukec biex jeħilsec min-nisel tal Egittu.*» Nilka' bil kalb id-daŭl t'Alla, issuctat is-Sinjura: iżda fuk liema nisel kiegħed int tchellimni? «*Sinjura, id-daŭl tal Evangeliu jeħilsec mil jasar tal Papa, mid-dieka tas-saŭm, mil pis tal kuddies u minn dac collu li ticcmanda il Cnisja Cattolica, mil ħruxija taż-żŭieġ, mil biża' tal Purgatoriu: għalhecc ma nemminx li sejjra ma tħaddanhiex.*» Il mara tŭajjba, ŭara li damet taħseb ftit ŭieġbitu: Kiegħda nifhem chemm tista' ir-Religion tiegħec tbarrini malajr mis-saŭm, u minn obblighi oħra li inti tgħidilhom xchiel, għaliex chemm il darba jena ma nagħmel xejn minn dan collu, hi ħaġa ċara li ma nħossx iżjed il pis tiegħu: imma biex nista malajr jena nippersŭadi ruħi li ir-Religion tiegħec teħlisni mil Purgatoriu, u ŭisk iżjed mill'Infern, jixrak li inti, Sur Ministru, tippruvali dac li għidt b'raġunijet ċari.» L'imsejchen baħnan ħass ruħu mirbuħ u b'rasu baxxa telak minn hemm.

G.S.L.

## Fit-Teatrin tal Unjoni Cattolica.

«IS-SEGRIET.»

Dan id-Dramm f'ħames atti giè irrappresentat f'li msemmi Teatrin nhar il Ħadd li għadda, 4 ta Jannar, mil Cumpanija *La Concordia*. Hu ŭieħed mill'isbaħ Drammi, għaliex barra milli hu mkassam ŭisk tajjeb fil partijet tiegħu, iżommoc bil curżità sar-raba att biex juric liema hu dan is-Segriet illi Alfredu ħeba lill Amalia martu, għaliex iħobbha u ma riedx jinqŭietaha.

Il partijet chienu collha mkassmin tajjeb u miżmumin chif imiss tant li ħa piacir cullħadd. Natu mela prosit lill *Amalia*, is-Sur Cumbo; lill *Edŭardo*, is-Sur Xicluna; lill *Maria*, is-Sur Borġ; lill *Pietro*, is-Sur Cremona; u lill oħrajn collha tal partijet secondari.

Din id-darba ucoll għandna piacir ngħidu illi id-Dramm, is-*Segriet*, chien ripetut u ma marx agħar mill'eŭŭel darba jecc ma marx aħjar.

VERAX.

### ĊAJTA.

Ir-Re Federicu tal Germanja, ftit ŭara il gŭerer cbar li chellu ma Rejjet oħra, chien kiegħed jitħaddet bil cunfidenza collha mat-Tabib tiegħu; u, biex jiċċajta, kallu:

—Tabib, nitchellmu ċar: chemm nies tkilt f'għomroc?...

—Xi ħamsin elf... inkas milli tkilt int fl'aħħar gŭerra—ŭiegħbu it-Tabib bid-daħqa!

Itolbu għar-rŭieħ għeżież tas-Sur SALV FELICE-MORINA, tas-Sur MANŬEL GALEA tas-Sur SALV XŬEREB, li mietu, haŭn il Belt, daŭn il ġranet, ŭara mardiet tŭal u chiefra. Alla jati lilhom sebħ il Genna u lil nieshom is-sabar tal insara.

## MOGĦDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### MISTOKSIJA.

Liema hi dic il kabża li trid tgħaddi dejjem minn fuk ħaxixa sakŭija?...

S. S.

L'aħħar TAĦBIL IL MOĦĦ chien:
*Bil fidi f'Alla tarfa salibec.*

Ma taniex tifsira tajjba għajr is-Sur F. S. Mizzi, mil Belt.